

Novembru 2016 — Ħarġa 292

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Suppost ftaħna qalbna beraħ...

Il-Papa Franġisku sejħilna biex matul il-Ġublew tal-Ħniena niftħu beraħ il-bieb ta' qalbna biex naħfru lil xulxin u naħdmu sabiex kull persuna, anke dawk li jinkwetawna, jintegraw magħna fi ħdan il-familja ta' Alla u fis-soċjetà tagħna.

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2016 bħala Unità Pastorali se nitolbu u ngħaddu mill-Bieb tal-Ħniena tal-Parroċċa tal-Isla, bieb li jwassalna għand u quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Redentur li huwa sinjal ħaj biex jiena u inti nikkonvertu.

Meta se ngħaddu mill-Bieb tal-Ħniena nagħmlu tajjeb li niftakru li aħna bħal u ma' Ġesù irridu niftħu beraħ il-bieb ta' qalbna għal Alla u għal xulxin. Talba sabiħa li ta min nitolbu hija: **Mulej għinni niftaħ il-bieb ta' qalbi għalik u għal ħuti l-bnedmin!**



**Wasalna fi tmiem is-Sena tal-Ħniena**

**Għalik kienet effettiva?** L-aħwa, ejjew ma nħallux din is-sena speċjali li nieda l-Papa tgħaddi minn fuq rasna, jekk aħna mill-bieb ta' qalbna ma nkunux ħallejna jgħaddi lil Kristu, hu li kuljum jinkoraġġina nersqu lejn Alla u lejn xulxin sabiex fostna l-preżenza tiegħu tkun ħajja u fostna ssaltan il-veru mħabba.

Bħala Parroċċa, fit-tmiem tal-Ġublew tal-Ħniena nħeġġiġkom sabiex fil-prattika nkunu ġenerużi ma' Alla u ma' xulxin. **Ejjew nuru l-imħabba tagħna lejn Alla u lejn il-Knisja tiegħu billi kulħadd jersaq lejn l-artal tal-Knisja mhux biss għas-sagrifiċċju tal-Kelma u tas-Sagramenti imma wkoll b'ġenerożità, billi nġibu xi ħaġa tal-ikel b'risq id-Dar Frate Jacoba li qed taqdi missjoni importanti fil-parroċċa tagħna billi toffri mħabba u kenn għal ħutna ż-żgħażagħ li jsibu ruħhom fit-tarf tas-soċjetà.**

Kuraġġ u ejjew flimkien nimxu 'l quddiem lejn Alla u lejn xulxin b'qalb miftuħa! Niżgurakom li nkunu ħafna iżjed ferħanin. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan



## Franġisku, bniedem li jemmen, kellu l-eternità f'qalbu.

***Fr Mark Ciantar OFM — Dar Frate Jacoba, Wied il-Għajn***

*Mulejja, tkun imfaħħar f'oħtna l-Mewt tal-ġisem,*
*li minnha ebda ħaj ma jista' jaħrab.*
*Ħażin għal dawk li jmutu fid-dnubiet il-mejta.*
*Imbierka dawk li l-mewt issibhom jagħmlu r-rieda mqaddsa tiegħek.*

Hekk għanna Franġisku, il-qaddis fqajjar t'Assisi, lejlet mewtu stess, f'għarix ċkejken għad-dell tal-kappella ta' San Damiano, 'il barra mill-ħitan ta' belt twelidu. Imneżża' u 'l bogħod mill-kumditajiet, imma għani għax imbennen mill-ħniena t'Alla. Nieqes mid-dawl t'għajnejh, imma mdawwal minn ġewwa bl-'Imħabba mhix maħbuba', kif kien jirreferi għal Alla hu stess.



Kliem li jistona f'widnejna, imma li fl-istess nifs iqanqal fina għatx għal dak li – għalkemm tlifna – ix-xewqa għalih għadha hemm, fil-fond tal-qalb tagħna, bħall-ġamar ta' nar qalb l-irmied ta' dik li, xi darba, kienet ħuġġieġa kbira: l-għatx għal Alla.

Żminijietna begħduna minnu. Iżda kellhom x'joffrulna biss il-qrusa ta' eżistenza vojta. Kultura tal-mewt li qatt ma tista' tfaħħar 'l Alla għal 'oħtha l-Mewt tal-ġisem', għax għajnejha ma jarawx fil-bogħod. Franġisku, bniedem li jemmen, kellu l-eternità f'qalbu.

# Pellegrinaġġ Penitenzjali

## għar-Redentur tal-Isla

### Il-Ġimgħa 4 ta' Novembru



**Pellegrinaġġ tas-Sena tal-Ħniena fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla.**
**Tluq fil-5:15pm minn quddiem is-Sala Sant'Anna,**
**fis-6:00pm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla u wara**
**ngħaddu mill-Bieb tal-Ħniena li jwassalna quddiem**
**ix-xbieha ta' Ġesù Redentur fejn ikollna mument ta' talb.**



## Ejja Semma' Leħnek — L-Assemblea Parrokkjali

***Fr Luke Cutajar — Viċi Parroku***

L-esperjenza tagħna mal-Mulej Ġesù tħeġġiġna biex nagħrfu u nilqgħu sfidi ġodda li dejjem jitolbu kuraġġ, umiltà u tama sħiħa. U meta jiġina li naqtgħu xi ftit qalbna, niftakru fil-parabola taż-żerriegħa tal-mustarda: bl-umiltà ta' żerriegħa ċkejkna, inħallu f'idejn il-Mulej meta u kemm tagħti frott il-ħidma tagħna.

**Nhar it-Tlieta 8 u l-Ġimgħa 11 ta' Novembru** ser ikollna l-**Assemblea Parrokkjali** fejn flimkien nibdew nippjanaw il-ħajja tal-Parroċċa għal din is-sena li ġejja. Kull persuna għandu ideat u suġġerimenti x'joffri li żgur jolqtu l-ħajja tal-membri tal-Parroċċa tagħna.

Fl-Assemblea jiġi diskuss dak li sar matul l-aħħar sena fl-oqsma kollha tal-parroċċa, x'ħidma wettqu d-diversi kummissjonijiet u għaqdiet li għandha l-parroċċa. Kull kummissjoni tagħmel rapport tal-ħidma tagħha li għamlet bħala kummissjoni kif ukoll tal-ħidma li wettqu l-gruppi li jagħmlu parti minn dik il-kummissjoni partikulari. Għalhekk l-Assemblea tagħmel evalwazzjoni u tara x'kien ippjanat li kellu jsir u sar jew li forsi ma sarx u għaliex ma sarx.

L-Assemblea ma tħarisx biss lura imma tħares ukoll 'il quddiem u tara x'għandu jsir fis-sena li ġejja. Dan isir permezz ta' *workshops* fi gruppi żgħar fejn kull persuna jkollha ċans toffri l-ideat u x-xewqat li jkomplu jibnu l-viżjoni u l-ħidma pastorali tal-parroċċa.

**Inħeġġek li int u l-familja tiegħek tattendu għall-Assemblea Parrokkjali ta' din is-sena. Hu fid-dmir ta' kull parruċċan li jsemma leħnu biex il-Parroċċa tkun iktar relevanti għal-lum.**



**PRIVAT**

**M'Skala / Kirkop**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**

CUTAJAR
Funeral Services

69 St. Helen Street Cospicua
Tel: 2182 6277
ALLAN 9949 2001
9942 3440
IVAN 9942 4599
Email: mcfunerals@gmail.com





*Meta nilqgħu lil xulxin bid-dgħufijiet kollha tagħna, inkunu nilqgħu lil Kristu stess fil-Knisja u f'ħajjitna.*

# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Novembru 2016

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Novembru | **Solennità tal-Qaddisin Kollha** |
| 2 | Novembru | Tifkira Solenni tal-Mejtin Kollha. **Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 7:00am, 7:45am, fis-6:00pm, fis-6:45pm ħin ta' adorazzjoni u Quddiesa fis-7:30pm.** |
| **4** | **Novembru** | **Pellegrinaġġ tas-Sena tal-Ħniena fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla. Tluq fil-5:15pm minn quddiem is-Sala Sant'Anna, fis-6:00pm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla u wara ngħaddu mill-Bieb tal-Ħniena li jwassalna quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Redentur fejn ikollna mument ta' talb.** |
| 5 | Novembru | Fl-10:30am laqgħa ta' Preparazzjoni tal-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| 6 | Novembru | It-32 Ħadd ta' Matul is-Sena.<br>Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **8** | **Novembru** | **Assemblea Parrokkjali – 1 Jum –<br>Fis-6:00pm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara nkomplu fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġu lil KULĦADD sabiex nattendu.** |
| **11** | **Novembru** | **Assemblea Parrokkjali – 2 Jum –<br>Fis-6:00pm Quddiesa mill-Vigarju Ġenerali tal-Knisja f'Malta Mons. Joseph Galea Curmi u wara nkomplu fis-Sala Sant'Anna.<br>Inħeġġu lil KULĦADD sabiex jattendi.** |
| 12 | Novembru | **Fis-7:00pm *Seminar* għall-Katekisti tal-Unità Pastorali fis-Sala r-Ragħaj it-Tajjeb Ħaż-Żabbar.** |
| 13 | Novembru | It-33 Ħadd ta' Matul is-Sena. |
| 19 | Novembru | Jibda l-Bazaar tal-Parroċċa fis-Sala San Ġwakkin. |
| 20 | Novembru | **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu – Tmiem tas-Sena tal-Ħniena – Fid-9:15am Quddiesa mmexxija minn Fr Mark Ciantar OFM fi tmiem is-Sena tal-Ħniena u li fiha bħala Parroċċa nuru l-ġenerożità tagħna ma' Dar Frate Jacoba.** |
| **22** | **Novembru** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq Tal-Gardiel (min-naħa tax-Xatt).** |
| 22 | Novembru | Fis-6:45pm l-Ewwel Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali. |
| 24 | Novembru | **Fil-5:00pm ċelebrazzjoni tal-Girlanda tal-Avvent għat-tfal kollha tad-Duttrina fil-Knisja Parrokkjali.** |
| **25** | **Novembru** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq Tal-Gardiel (min-naħa ta' San Tumas).** |
| 25-27 | Novembru | **Irtir tal-Avvent għall-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ.** |
| 27 | Novembru | L-1 Ħadd tal-Avvent.<br>**Ħarġa għall-Familji organizzata mill-Kummissjoni Familja.** |
| 28 | Novembru | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm. |
| **29** | **Novembru** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq is-Sibbien.** |
| 29 | Novembru | Fis-6:45pm l-Ewwel Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Knisja Parrokkjali. |
| 7-11 | Diċembru | Pellegrinaġġ għal-Lourdes organizzat mill-Parroċċa. Dettalji mill-Uffiċċju Parrokkjali. |